# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Lulju, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 504/01mm**

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Christopher Paul Hibbs**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm525.00) rapprezentanti import ta' hames (5) kambjali ta' Lm105 il-wahda,

debitament accettati u skaduti minn Jannar, 2001, sa’ Mejju, 2001, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa’ 5 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sas-16 ta’ April, 2001, jammontaw ghal Lm7, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Marzu, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenut fejn ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.